# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Sittax (16) ta' Diċembru 2020**

**Rikors Numru 137/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Romina Formosa (ID 30772G)**

**Vs**

**Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**
**u**
**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Frar 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-esponenti taħdem bħala Labourer 1 mal-Gvem ta' Malta, u kienet ġiet hekk ingaġġata fit-3 ta' Marzu 2017 kif jirriżulta mill-istess ittra tal-Awtorita intimata (Dok A) fejn stranament imbagħad ġiet hekk ikkonfermata permess ta' ittra tat-13 ta' Ottubru 2017 (Dok B) fejn intqal li l-kariga tagħha kellha effett mit-03 ta' Settembru 2017;*

   2. *Illi fid-29 ta' Mejju 2017, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa permess ta' ittra (Dok C) minn ċertu Joyce Cassar, allura Direttur Ġenerali (Nies u Standards) fl-uffiċċju tal-Prim Ministru tar-Repubblika ta' Malta, li permess ta' Ċirkulari Nru 6/2017, kienet intitolata tapplika għall-post ta' Senior Operative (Grupp IV) fi skali ta' salarju 17/16 fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;*

3. *Illi hi ġiet mgħarrfa wkoll li peress li hi ma kenitx applikat fit-terminu, kien sar qbil mal-kummissjoni dwar is-servizz pubbliku l-Awtorita' intimata, li kienet se tingħata l-opportunita li tapplika għall-istess sejħa li kellha toħroġ f'nofs ix-xahar ta' Ġunju 2017;*

4. *Illi ineffeti, l-esponent inadempiment mal-istess notifika / parir, applikat għat-tali sejħa wara li reġa' kien hemm sejħa PSD Ċirkulari Nru: 12/2017 tat-23 ta' Ġunju 2017 għall-Senior Operative (Grupp IV);*

5. *Illi fl-04 ta' Diċembru ta' l-istess sena, hi ġiet appuntata Senior Operative, b'effett minn l-4 ta' Diċembru 2017 u dan skond l-ittra ta' l-istess kummissjoni intimata (Dok A), pero' stranament ukoll, permess ta' ittra datata 5 ta' Ġunju 2018 (Dok F) hija ġiet mgħarrfa li l-kariga tagħha bħala Senior Operative (Grupp IV) ġiet konfermata sitt xhur wara, b'effett mill-4 ta' Ġunju 2018;*

6. *Illi sussegwentement, permess ta' ittra datata 15 ta' Ġunju 2018 (Dok A) l-Awtorita' konvenuta nfurmat lir-rikorrenti li l-kariga lilha mogħtija kienet qed tiġi rrevokata, u dan peress li l-Awtorita' kienet qed issostni li setgħu japplikaw biss dawk l-individwi li kienu diġa' appuntati f'kariga sostantiva mal-Gvem qabel ma ħarġet l-applikazzjoni;*

7. *L-Awtorita' żżid tgħid li r-rikorrenti laħqet labourer biss fit-03 ta' Marzu 2017, presubbilment qalet hekk għaliex is-sejħa oriġinali kienet ħarġet qabel dik id-data;*

8. *Illi f'dan ir-rigward, lanqas ma l-kummissjoni ma rrimarkat dwar il-fatt li l-esponenti kellha l-kariga tagħha kkonfermata permess ta' ittra tat-13 ta' Ottubru 2017 (Dok B) b'effett 03 ta' Settembru 2017, vuol dire wara t-23 ta' Ġunju 2017. Dan hu minnu peress li jidher li hemm qbil li nonostante dak kontenut f'Dok B huwa aċċettat u mhux kontestat li l-esponenti fil-verita' bdiet taħdem bħala labourer fit-03 ta' Marzu 2017.*

9. *Illi, ma dana kollu jingħad li kienet l-istess Awtorita' intimata li ppermettiet lill-esponenti tapplika tardivament, u anzi kienu huma stess li ġibdulha l-attenzjoni li kienet ser terġa' toħroġ applikazzjoni oħra, u sabiex tfittex tapplika fiż-żmien stipulat;*

10. *Illi, din it-tieni applikazzjoni ħarġet fit-23 ta' Ġunju 2017 u illi raġonevolment hija din d-data li tgħodd u mhux xi data oħra qabel it-3 ta' Marzu 2017 meta kienet ħarġet l-applikazzjoni oriġinali;*

11. *Illi, jingħad ukoll, li l-istess Awtorita' intimata skond il-liġi permess ta' l-ittra 15 ta' Ġunju 2018 su indikata, stiednet lill-esponenti tippreżenta risposta għat-tali ittra fit-terminu ta' ħamest ijiem;*

12. *Illi l-esponenti wieġbet permess ta' ittra datata 20 ta' Ġunju 2018 (Dok D) u mingħajr ma ngħatat udjenza u l-fakulta' li tagħmel ir-rapreżentazzjonijiet tagħha kif imiss skond il-liġi, u/jew id-dritt li tissustanzja dak li qed tgħid;*

13. *Illi, irċeviet permess ta' e-mail mill-kummissjoni konvenuta li d-deċiżjoni datata 07 ta' Settembru 2018 (Dok G) tal-kummissjoni ġiet ikkonfermata;*

14. *Illi in effetti permess ta' ittra datata 10 ta' Settembru 2018 (Dok E) l-esponeneti lmentat li mhux qed tingħata l-opportunita' tiddefendi l-posizzjoni tagħha u tagħmel rappreżentazzjonijiet kif imiss; u*

15. *Illi għalhekk jidher ċar li l-aġir tal-konvenuti imur kontra d-dritt naturali ai termini ta' l-artikolu 469A(10)(b)(ii) għax ma ngħatatx dritt tiddefendi ruħha kif imiss u kien ukoll aġir irraġonevoli ai termini ta' l-Artikolu 469A(10)(b)(iii) peress li jidher ċar li hemm stat konfużjonali tad-dati ta' l-ingġġ, o meno, tal-karigi kif spjegat, u l-fatt li l-istess konvenuti u l-Gvern ma kienx qed jagħti mportanza lill-istess dati tar-reklutaġġ kif ġie spjegat, tant li kien hemm deroga u kien l-istess Gvern li stieden l-esponenti biex tapplika u l-fatt li hija eventwalment ġiet ingaġġata u dan fost kunsiderazzjonijiet oħra li ser jiġu esposti waqt it-trattazzjoni u smiegħ ta' dan il-każ.*

*Għaldaqstant, r-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Prevja li tiddikjara lill-intimati jew min minnhom aġixxew b'mod abbużiv u llegali fil-konfront ta' l-esponeneti ai termini ta' 469A(10)(b)(iii);*

2. *Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija ta' Ġunju 2018 mill-Awtorita' ntimata kif konvalidata fis-7 ta' Settembru fejn il-kariga mogħtija lill-esponenti ta' Senior Operative (Grupp IV) ġiet revokata u tordna li din terġa' tiġi integrata mill-ġdid fl-istess kariga mid-data ta' l-4 ta' Diċembru 2017 jew minn data verjuri; u*

3. *Tiddikjara li l-esponenti għandha tiġi rifuża l-arretrati tad-diskrepanza fil-paga mill-istess data.*

*Bl-ispejjeż, u l-imgħax u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Avukat Ġenerali rrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi in linea preliminari, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-leġittimi kontradittur u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dan inter alia ai termini tal-Artikolu 18IB tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan stante li r-revoka tal-ħatra saret mill-Prim Ministru;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta) mhux applikabbli stante dak li qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu u ma jaqax fit-tifsira ta' "għemil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan in kwantu din l-azzjoni qiegħdha titlob l-istħarriġ ġudizzjarju ta' organu (il-Kummissjoni intimata) li l-funzjoni tagħha hija limitata għal rakommandazzjoni u mhux Kummissjoni jew entita' li tiddetermina kwistjoni b'sentenza finali;*

4. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' fundament ġuridiku għall-azzjoni odjerna da parti tar-rikorrenti billi ma jeżisti ebda dritt li wieħed jottjenti ngaġġ jew jingħażel sabiex jimla' post vakanti;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:*

   a. *l-esponenti dejjem imxew u osservaw dak rikjest minnhom mill-liġijiet viġenti u dan fil-parametri imposti mil-liġijiet u bl-osservanza tal-limitazzjonijiet imposti mill-istess liġijiet. Illi l-proċess ta' revoka tal-ħatra li minnu qiegħda tilmenta r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imtebba' b'abbuż tas-setgħat u poteri fdati f'idejn il-Kummissjoni intimata jew li sar għal għanijiet mhux xierqa jew li kien b'xi mod imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;*

   b. *Illi skont ir-Regolament 32 (1) (b) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 05), il- Kummissjoni intimata tista' tirrakkomanda r-revoka ta' ħatra magħmula skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jew "(b) il-persuna maħtura manifestament ma kenitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibilita' li japplikaw għall-ħatra tagħha sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni taħt ir-regolament 8".*

   c. *Illi sabiex kandidat ikun eliġibbli kellu jiġi appuntat fil-grad sustantiv u kellu wkoll jiġi konfermat f'dik il-ħatra. Kif sejjer jirriżulta fil-kors tas-smigħ tax-xhieda, ir-rikorrenti għalkemm kienet maħtura fil-grad ta' labourer fit-3 ta' Marzu 2017 kienet biss konfermata f'dik il-ħatra fit-3 ta' Settembru 2017 u għalhekk meta hija issottomettiet l-applikazzjoni tagħha għall-post ta' Senior Operative f'Ġunju 2017, ir-rikorrenti ma kenitx għadha ġiet konfermata f'dik il-ħatra bil-konsegwenza li ma kenitx eleġibbli sabiex tapplika għal tali kariga qabel tali konferma;*

   d. *Illi minkejja li r-rikorrenti ma kenitx eleġibbli sabiex tapplika għall-kariga ta' Senior Operative, il-Bord tal-Għażla kien ikkunsidra li r-rikorrenti kienet eliġibbli u kien irrakkomanda l-ħatra tar-rikorrenti, liema ħatra ngħatat lir-rikorrenti b'effett mill-4 ta' Diċembru 2017;*

e. *Illi meta l-Kummissjoni intimata ġiet infurmata dwar dan, l-istess Kummissjoni intimata tat avviż lir-rikorrenti skont ir-Regolament 32 (2) sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar ir-revokat tal-ħatra;*

f. *Illi r-rikorrenti għamlet is-sottomissjonijiet tagħha bir-raġunijiet hekk imfissra mir-rikorrenti fejn opponiet għar-revoka liema raġunijiet u sottomissjonijiet ġew kunsidrati mill-Kummissjoni intimata. Illi sussegwentement, il-Kummissjoni intimata għamlet ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru skont ir-Regolament 32 (1) (b).*

g. *Illi l-esponenti qatt ma aġixxew in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli. Illi l-esponenti dejjem imxew skont id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u r-Regolamenti maħruġa taħt il-Kostituzzjoni u bl-ebda mod ma kissru l-prinċipji ta' amministrazzjoni pubblika tajba jew b'xi mod l-aġir tagħhom kien vizzjat proċeduralment.*

6. *Illi l-esponenti qegħdin jeċċepixxu wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-premessi tal-azzjoni in kwantu diretti għall-kisba ta' rijentigrazzjoni fil-kariga huwa rimedju li ma jistgħax jingħata fil-kuntest ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u dan stante li r-rimedju f'azzjonijiet bħal dik odjerna huwa biss it-tħassir ta' deċiżjoni, bil-konsegwenza li tali rimedju huwa improponibbli;*

7. *Illi l-esponenti qegħdin jeċċepixxu wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-premessi tal-azzjoni in kwantu diretti għall-kisba ta' dikjarazzjoni għall-ħlas ta' arretrati konsistenti f'diskrepanza fil-paga, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita' pubblika ma jwassalx għall-ħlas ta' arretrati fil-paga. Illi skont is-subinċiż (5) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-għoti ta' danni huwa prevvist biss jekk ikun ippruvat illi l-awtorita' pubblika aġixxiet in mala fede, b'mod irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mir-rikorrenti setgħet legalment u raġjonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra. Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti għall-ħlas ta' arretrati fil-paga għandha tiġi miċħuda;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

9. *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2019, fuq talba ta' l-intimati, ġie ordnat illi jiġu kkunsidrati u deċiżi l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati, u għalhekk il-provi ġew invertiti.

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Angele Cilia Degiorgio**, Compliance Officer fi ħdan il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, mogħtija fis-27 ta' Novembru 2019.

5. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2019 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw dwar l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet tagħhom.

6. Rat illi fid-19 ta' Frar 2020, wara li r-rikorrent ma ressqet ebda provi quddiem il-Qorti, l-Qorti għaddiet biex tiddikkjara li r-rikorrenti ma kellha ebda provi dwar l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet u ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet tal-intimati bil-miktub.

7. Rat illi fit-28 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti talbet il-kjamat in kawża tal-Prim Ministru.

8. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2020 dina l-Qorti ċaħdet it-talba għall-kjamat in kawża tal-Prim Ministru stante illi "*t-talba kif dedotta hija intiża unikament sabiex tissostitwixxi lill-intimati u huwa riżultat ta' nuqqas tar-rikorrenti meta nediet il-proċeduri odjerni, liema nuqqas ma jistax jiġi sanat bis-sejħa fil-kawża fl-istadju tardiv tal-każ.*"

9. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ippreżentati fil-11 ta' Ġunju 2020.

10. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2020, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

11. Rat is-sottomissjonjiet tar-rikorrenti ppreżentati fit-28 ta' Ottubru 2020.

12. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2020, il-kawża tħalliet għal deċiżjoni dwar l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet ta' l-intimati.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta, mill-mod kif ġie redatt ir-rikors promotur, illi l-azzjoni odjerna hija waħda ta' Stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva, intavolata a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12.

14. Jirriżulta illi, permezz ta' l-azzjoni odjerna, r-rikorrenti qiegħda titlob sabiex dina l-Qorti tħassar d-deċiżjoni meħuda fejn l-approvazzjoni għall-kariga l-ġdida mogħtija lilha ġiet revokata, tirrientegra fil-kariga li kellha qabel ma dina ġiet lilha revokata w illi jirrifonduha dak li ma tħallsitx wara li ġiet 'demoted' riżultat ta' tali deċiżjoni.

15. Jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni kollha hija s-segwenti:

    a. Ir-rikorrenti daħlet taħdem mal-Gvern bħala Labourer 1 fit-3 ta' Marzu 2017.
    b. Fid-29 ta' Mejju 2017 ġiet infurmata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li setgħet tapplika għal post ta' Senior Operative (Grupp IV), li sejħa għaliha kienet ħierġa fit-23 ta' Ġunju 2017, u li kienet tkun 'promozjoni' għaliha.
    c. Ir-rikorrenti sussegwentement applikat għal post ta' Senior Operative (Grupp IV).
    d. Fit-13 ta' Ottubru 2017, wara illi kienet ġia applikat għal post ta' Senior Operative (Grupp IV), ġiet mgħarrfa mill-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima illi hija kellha uffiċjalment il-grad ta' Labourer (Group 1) b'effett mit-3 ta' Settembru 2017.

e. Jirriżulta illi, nelfrattemp, ir-rikorrenti għaddiet minn Selection Board u bdiet taħdem bħala Senior Operative (Grupp IV) mill-4 ta' Diċembru 2017.

f. Sussegwentement, fil-5 ta' Ġunju 2018 ġiet mgħarrfa mill-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima illi, b'effett mill-4 ta' Ġunju 2018, kellha issa uffiċjalment il-kariga ta' Senior Operative IV.

g. Nelfrattemp, jirriżulta illi fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġiet infurmata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li r-rikorrenti ma kinetx eliġibbli biex tapplika għal post ta' Senior Operative (Grupp IV), peress illi kienet għadha mhux ikkonfermata fil-grad tagħha meta ħarġet is-sejħa, stante illi l-kariga tagħha bħala Labourer 1 ġie lilha kkonfermat fit-13 ta' Ottubru 2017 b'effett mit 3 ta' Settembru 2017, ossija sitt xhur wara li tkun bdiet il-kariga.

h. Sussegwentement, fil-15 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kitbet lir-rikorrenti u għarrfitha li, la darba ma kinetx eliġibbli biex tapplika għal post ta' Senior Operative (Grupp IV), kienu ser jirrakkomandaw lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex l-approvazzjoni tal-kariga l-ġdida tagħha tiġi revokata.

i. Jirriżulta illi il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għarrfet lir-rikorrenti illi hija kellha ħamest ijiem sabiex tikkontesta tali deċiżjoni.

j. Jirriżulta illi, permezz ta' email datata 20 ta' Ġunju 2018, r-rikorrenti għarrfet lill-Kummissjoni illi kienet qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni lilha komunikata.

k. Jirriżulta illi, permezz ta' email datata 7 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għarrfet lir-rikorrenti illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ser tiġi kkonfermata, u għarrfitha li l-approvazzjoni tagħha għal kariga ta' Senior Operative (Grupp IV) kienet ġiet revokata.

l. Jirriżulta illi fl-10 ta' Settembru 2018 r-rikorrenti bagħtet email lill-Kummissjoni għal spjegazzjoni, fejn ma jidhirx illi kien hemm xi risposta.

m. Eventwalment, fit-12 ta' Frar 2019, ir-rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni.

16. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet indirizzata kontra ċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll l-Avukat Ġenerali.

17. Jirriżulta illi, fl-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati, huma saħqu li ma kinux il-leġittimi kontradittur i, stante illi, ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, l-azzjoni kellha tiġi ndirizzata fil-konfront ta' min attwalment ħa d-deċiżjoni finali, ossija l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

18. Jirriżulta illi, wara l-preżentata ta' tali eċċezzjoni, ir-rikorrenti talbet il-kjamat il-kawża tal-Prim Ministru, liema talba ġiet opposta mill-intimati stante illi ma jistax jiġi kjamat fil-kawża persuna sabiex jiġi sanat żball illi sar meta ġew imħarrkin persuni oħra flok dak li kellhom jitħarrku.

19. Din il-Qorti qablet ma' l-argumentazzjoni ta' l-intimati stante illi, kif qalet il-Qorti fil-kawża **Dr Marco Sammut et vs Di Natura Limited** (22/1/2013)

> *"... is-sejħa fil-kawża m'għandhiex tintuża biex jidħlu fil-kawża persuni li, għalkemm għandhom l-interess meħtieġ, jiddaħħlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt ġew imħarrkin, jew ikunu ġew imħarrkin ħażin."*

20. Jirriżulta mhux ikkontestat illi in-nomina u sussegwentement revoka tan-nomina bħala Senior Operative (Grupp IV) tar-rikorrenti saret mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u dana joħroġ ċar mill-ittra maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fid-29 ta' Mejju 2017, fejn r-rikorrenti ġiet erronjament infurmata li setgħet tapplika għal sejħa ġdida ta' Senior Operative (Grupp IV).

21. Jirriżulta mhux ikkontestat wkoll illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma tirrevokax l-approvazzjoni hija stess iżda "recommends the revocation of an appointment", u għalhekk id-deċiżjoni finali dwar ir-revoka hija unikament tal-Prim Ministru.

22. Jirriżulta illi r-rikorrenti setgħet ġiet żvijata mid-diċitura tal-korrispondenza tal-Kummissjoni datata 7 ta' Settembru 2018, fejn għarrfitha illi l-approvazzjoni tagħha kienet ġiet revokata – il-Kummissjoni messha qalet illi r-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka kienet qed tiġi konfermata, u dana biex tagħmilha ċara li d-deċiżjoni finali ma tteħditx minnha iżda mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

23. Jirriżulta wkoll illi, ċertament ir-rikorrenti kellha kull raġuni tħossha aggravata mid-deċiżjoni meħuda kontra tagħha, stante illi hija ġiet żvijata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru meta, permezz ta' l-ittra datata 29 ta' Mejju 2017, hija ġiet infurmata li kienet "ser tingħata l-opportunita' li tapplika għall-istess sejħa li ser tiġi maħruġa f'nofs ix-xahar ta' Ġunju.

24. Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax il-laxkezza u n-nuqqas ta' professjonalita' murija mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru meta taw lir-rikorrenti, tama li setgħet tapplika għal post aħjar milli kellha, meta attwalment l-Uffiċċju tal-Prim Ministru messu kien a konoxxenza tal-fatt li r-rikorrenti kienet għadha ma għandhiex grad fiss fis-Servizz Pubbliku, peress illi kienet bdiet taħdem mit-3 ta' Marzu 2017 u impjegat jingħata grad fiss wara t-trapass ta' sitt xhur.

25. Tali nuqqasijiet, filwaqt illi ma jgħinux biex jissanaw l-azzjoni meħuda kontra persuni li ġew imħarrka erronjament, ċertament ser jiġi kkunsidrat fil-kap tal-ispejjeż.

## Ikkunsidrat

26. Jirriżulta, mid-diċitura tar-rikors promotur, illi r-rikorrenti qiegħda titlob:

    a. It-tħassir tar-revoka tal-grad il-ġdid;
    b. Ir-reintegrazzjoni fil-grad il-ġdid;
    c. Ir-rifużjoni tal-paga lilha dovuta.

27. Jirriżulta ċar illi tali talbiet setgħu jsiru biss u setgħu jiġu implimentati biss mill-persuna illi lilha kien ingaġġaha u li lilha rrevoka l-grad il-ġdid minħabba żball amministrattiv tal-Uffiċċju tiegħu – il-Prim Ministru.

28. Għalhekk, d-difiża mqajjma mill-intimati li ma humiex il-leġittimi kontradittTuri għandha mill-veru u jistħoqq illi tiġi akkolta.

29. La darba tali difiża qiegħda tiċi akkolta, il-Qorti tqis illi ma għandhiex għalfjen tinoltra ruħha fl-eċċezzjonijet preliminari l-oħra stante illi, f'dana l-istadju, huma superfluwi.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda,

Wara illi rat illi l-partijiet qablu li jiġu kkonsidrati u deċiżi l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati.

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi;

Filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, tielet u raba' eċċezzjoni preliminari,

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati u tiddikjara illi ma humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk;

**Tiċħad** t-talba attriċi kif dedotta.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**